*liċenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-Kap. 389 – il-prinċipju tar-raġonevolezza li għandha tapplika qorti amministrattiva fid-deċiżjonijiet li tieħu – reat ai termini tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 li mhux kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat- l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 ma jagħti l-ebda diskrezzjoni lill-Kummissarju, iżda jimponi obbligu fuqu li jirrifjuta li joħroġ jew iġedded liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-Kap. 389*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 81/2022 LM

**Scott Fenech (K.I. nru. 432587M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Kummissarju tal-Pulizija**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Scott Fenech (K.I. 432587M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-28 ta' Frar, 2023 [minn

issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija [hawnhekk ‘l-appellat’], u laqa’ l-eċċezzjoni tal-imsemmi intimat.

**Fatti**

2. Fir-rikors tal-appell li ressaq quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien applika għal liċenzja ta’ gwardjan privat *ai termini* tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta’ Malta, iżda din it-talba ġiet miċħuda permezz ta’ ittra li huwa rċieva fl-20 t’Awwissu, 2022. Tali ċaħda kienet ibbażata fuq l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrent qal li l-Kummissarju tal-Pulizija għandu diskrezzjoni x’jeżerċita f’dawn iċ-ċirkostanzi, u huwa għalhekk li l-liġi tipprovdi li din id-deċiżjoni tista’ tiġi attakkata quddiem it-Tribunal. Ir-rikorrent qal li t-Tribunal li għandu kompetenza ta’ qorti amministrattiva, għandu japplika l-prinċipju tar-raġonevolezza fid-deċiżjonijiet li jieħu. Qal li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-każ odjern ma tistax titqies bħala waħda raġonevoli, u dan għaliex il-liċenzja li applika għaliha r-rikorrent ġiet miċħuda għaliex dan kien ikkommetta reat fis-sena 2007. Ir-rikorrent qal li bejn dak ir-reat u l-ġurnata li fiha applika għal-liċenzja ta’ gwardjan privat, għadda ħafna żmien, u minn dakinhar ’il quddiem huwa qatt ma kkommetta reat ieħor. Saħaq li mhuwiex raġonevoli li bniedem li jkun ikkommetta reat meta jkun għadu tifel, jibqa’ jbati l-konsegwenzi ta’ dak id-delitt matul ħajtu kollha. Anki l-liġi tagħna stess tirrikonoxxi dan l-argument, u fil-Kap. 77 tippermetti li l-kondotta tar-rikorrent toħroġ netta, sabiex dan ma jkollux tfixkil meta jiġi biex isib xogħol. Ir-rikorrent qal li però f’każijiet ta’ din ix-xorta l-Kummissarju tal-Pulizija għandu

aċċess għall-fedina penali tiegħu, u l-benefiċċju konċess bil-Kap. 77 tal-Liġijiet ta' Malta ġie imxejjen, u għalhekk ir-rikorrent qiegħed ibati preġudizzju meta jiġi biex isib impjieg minħabba f'inċident li jmur lura ħafna snin.

3. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-ittra ta' rifjut tat-23 t'Awwissu, 2022, fejn il-Kummissarju tal-Pulizija infurmah li peress li jirriżulta li huwa kien instab ħati ta' delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata.

4. Min-naħa tiegħu Il-Kummissarju intimat wieġeb li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni li ttieħdet. Qal li r-rikorrent kien instab ħati li wettaq diversi reati matul is-snin, fosthom li fit-28 ta' Settembru, 2007, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Michael Raymond Sciberras, fi Triq il-Ġojjin, Fgura, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza, u b'valur li jeċċedi elf Lira Maltin. Il-Kummissarju intimat spjega li r-rikorrent kien instab ħati wkoll li fis-sena 2009 kien ħebb għal persuna, li fis-sena 2011 evada t-taxxa, u li fl-2012 kien inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' kuntistabbli waqt ix-xogħol tiegħu. Qal li dawn ir-reati jinsabu kollha elenkati fil-fedina penali tar-rikorrent. Spjega li ġie kkunsidrat li wieħed mir-reati mwettqa mir-rikorrent jikkostitwixxi delitt kontra l-proprjetà aggravat b'ammont li jeċċedi €2,329.37, jew bil-vjolenza *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ikkonsidra li dan ir-reat mhux kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat, għaliex min jagħmel

dan ix-xogħol irid ikun eżemplari f'xogħlu, u mhux jagħmel atti li suppost qiegħed jipprevjeni huwa stess bħala gwardjan privat. Il-Kummissarju intimat qal li l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 ma jagħti l-ebda diskrezzjoni lilu bħala Kummissarju, iżda jimponi obbligu fuqu li jirrifjuta li joħroġ jew iġedded liċenzja bħal din. Qal ukoll li l-leġislatur ried li min jinstab ħati ta' reati ta' ċerta gravità ma jitħalliex jagħmel xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol u l-ħtieġa li gwardjan privat ikun persuna b'karattru affidabbli. Il-Kummissarju intimat żied jgħid ukoll li dan ma jfissirx li r-rikorrent huwa prekluż milli jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda biss li ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Il-Kummissarju intimat qal li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jistax jordnalu joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija waħda purament ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet, u t-Tribunal ma jarrogax fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.

**<u>Mertu</u>**

5. Fl-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa jaħdem fil-Malta Freeport bħala *crane operator,* u ilu jaħdem hemmhekk għal madwar seba' snin. Qal li huwa qatt ma kellu inċidenti fuq il-post tax-xogħol, u jinsab kuntent ħafna f'xogħlu. Qal li huwa għandu familja, u li jixtieq li jagħmel xogħol *part-time* bħala *security guard* sabiex ikun jista' jmantni familtu aħjar. Ir-rikorrent qal li meta kellu dsatax-il sena huwa żbalja, iżda patta għall-ħsara li għamel, u minn dakinhar 'il quddiem huwa beda jgħix ħajja eżemplari, u ma kkommetta l-ebda reat ieħor fl-aħħar sittax-il sena.

6. Fix-xhieda mogħtija minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa applika għal liċenzja ta' gwardjan sabiex ikun jista' jtejjeb il-pożizzjoni tax-xogħol tiegħu billi jagħmel xogħol *part-time.* Ir-rikorrent qal li huwa kien ingħata sentenza sospiża għaliex kien involut f'serqa ta' flus, iżda żied jgħid li huwa dejjem ħadem u qatt aktar ma kellu problemi mal-ġustizzja wara dak l-episodju.

7. L-**Ispettur Sarah Magri** xehdet li meta r-rikorrent ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, kienu saru xi verifiki, u kien ġie stabbilit li darba kien ġie investigat u anki kellu sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati kontra tiegħu.

8. Fil-kontro-eżami li sar lir-rikorrent, dan ġie mistoqsi jekk hux minnu li fis-sena 2009 huwa kien ħebb għal persuna, li fl-2011 instab ħati li evada t-taxxa u li fl-2012 kien inġurja jew hedded kuntistabbli tal-Pulizija. Għal dawn id-domandi, ir-rikorrent wieġeb li ma jiftakarx. Qal ukoll li huwa għandu bżonn il-liċenzja ta' gwardjan privat sabiex ikun jista' jtejjeb il-pożizzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, jew biex ikun jista' jagħmel xogħol *part-time* x'imkien ieħor.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

9. Permezz tas-sentenza tat-Tribunal mogħtija fit-28 ta' Frar, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-appell imressaq mir-rikorrent għandu jiġi miċħud, u għalhekk laqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 23 ta' Awwissu, 2022, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:*

"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenzja ta' Gwardjan Privat.

Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rifjutata ai termini tal-Artikoli 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap. 389, tal-Liġijiet ta' Malta), peress illi jirriżulta li inti, instabt ħatja ta' delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) permezz ta' sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek nhar is-6 ta' Lulju, 2009, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, dwar serq.

***Ikkunsidra:***

*Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, liema artikolu jgħid is-segwenti, u ċioe:*

"Il-Kummissarju **<u>għandu</u>** (fn. 2 Enfasi tat-Tribunal) jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) Meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant

(i) Tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi **delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)** jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor."

*Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10(a)(i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma hux inkluż fl-istess sub-inċiż, jistax jiġi kkunsidrat bħala gravi jew le.*

*Illi mill-fedina penali esebita minn fol. 13 sa 15 tal-proċess jirriżulta illi r-rikorrent kien ġie misjub ħati li:*

1. *F'Settembru 2007, ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltin (LM1,000);*
2. *F'Ġunju 2010 kien sprovvist minn* cash register *fiskali waqt li kien qiegħed jeżerċita n-negozju; u*
3. *F'Jannar, 2012, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq uffiċjal pubbliku u ma obdiex l-ordnijiet tal-istess uffiċjal.*

*Illi però jirriżulta illi l-Kummissarju intimat straħ fuq l-ewwel sentenza ċitata li tirrigwarda s-serq aggravat sabiex iddeċieda fuq l-applikazzjoni tar-rikorrenti.*

*Illi l-ħidma tal-gwardjani lokali hija waħda li tissupplimenta u tikkumplimenta dik tal-Korp tal-Pulizija sabiex ikun hawn l-ordni fil-pajjiż.*

*Illi d-difensur tar-rikorrenti ssottometta illi l-inċident li abbażi tiegħu l-Kummissarju intimat irrifjuta l-permess in kwistjoni ġara iktar minn ħmistax-il sena ilu u li kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kummissarju intimat, l-istess Kummissarju għandu diskrezzjoni jekk jilqax jew le applikazzjoni anke fejn jidħlu r-reati msemmija f'artikolu 10(a)(i). Id-difensur tar-rikorrenti saħaq illi li kieku l-Kummissarju intimat m'għandu ebda diskrezzjoni ai termini tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta allura l-leġislatur ma kienx jagħti oportunità lil min iħossu aggravat li jintavola appell.*

*Illi d-difensur tar-rikorrenti saħaq ukoll illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat trid tkun waħda "raġonevoli" u fiċ-ċirkostanzi ma kinitx in vista tat-trapass taż-żmien. Jisħaq ukoll illi li kieku l-Kummissarju m'għandu ebda diskrezzjoni allura r-rikorrent kien se jkun qiegħed jiġi punit darbtejn.*

*Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem li l-argumenti mressqa mid-difensur tar-rikorrent, ma jaqbilx mal-istess argument. Illi l-liġi hija ċara ħafna u ma tagħti ebda tip ta' diskrezzjoni lill-Kummissarju intimat, jgħaddi kemm jgħaddi żmien mit-twettiq ta' ċerti reati, inkluż dak li r-rikorrent instab ħati tiegħu permezz ta' sentenza datata 6 ta' Lulju, 2007. Illi l-leġislatur ta opportunità ta' appell anke fejn jidħol l-artikolu 10(a)(i) għaliex jista' jkun li jkun hemm żball fl-interpretazzjoni ta' jekk reat jew ieħor huwiex xi wieħed minn dawk elenkati fl-imsemmi artikolu. Però ladarba dan it-Tribunal huwa konvint illi r-reat imwettaq mir-rikorrent fl-2007 huwa wieħed mir-reati elenkati f'artikolu 10(a)(i), la dan it-Tribunal u lanqas il-Kummissarju intimat ma għandhom xi diskrezzjoni dwar il-mod kif għandhom jittrattaw l-applikazzjoni tar-rikorrent.*

*Illi t-Tribunal ħa wkoll in konsiderazzjoni illi r-rikorrent ilu jaħdem numru ta' snin ġewwa l-Freeport però dan bl-ebda mod ma jista' jservi ta' piż fuq id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni in kwistjoni. Illi t-Tribunal jista' jifhem ukoll illi għaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta twettaq ir-reat in diżamina, però kif intqal qabel, dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi b'mod suġġettiv iżda jrid isegwi l-interpretazzjoni tal-liġi bl-aktar mod loġiku u oġġettiv. Li kieku kien mod ieħor allura tisparixxi dik l-oġġettività li dan it-Tribunal huwa rikjest li jeżerċita fl-għoti tad-deċiżjonijiet tiegħu. Illi di più dan it-Tribunal ċertament mhux il-forum idoneju biex jesprimi ruħhu dwar jekk liġi hix ġusta jew le.*

*Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-deċiżjoni tal-istess Kummissarju datata 23 ta' Awwissu, 2022 u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.*

*Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent."*

## L-Appell

10. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fl-14 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, u filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-appellat, takkolji t-talbiet tar-rikorrent, u tordna lill-appellat joħroġ il-liċenzja rikjesta ta' gwardjan privat favur l-appellant.

11. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex tenut kont li l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li l-Kummissarju appellat għandu jirrifjuta applikazzjoni meta l-applikant ikollu addebitat fil-konfront tiegħu sentenzi kriminali tax-xorta indikati, it-Tribunal iddeklina milli jagħmel stħarriġ ġudizzjarju dwar il-kunċett ta' dak li huwa raġonevoli. Qal li t-Tribunal jekwivali l-funzjoni ta' Prim'Awla fuq kwistjonijiet ta' stħarriġ amministrattiv, u għalhekk japplika l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li għad li *prima facie* jidher li d-diskrezzjoni tal-Kummissarju hija waħda tassattiva, ladarba dik id-deċiżjoni hija suġġetta għal reviżjoni u stħarriġ mit-Tribunal, din il-Qorti għandha teżamina jekk dik id-deċiżjoni kinitx waħda raġonevoli. Qal li r-reat addebitat lilu jirrisali għal għoxrin sena ilu, u għalhekk ma jagħmilx sens li huwa jibqa' jbati tali konsegwenzi għal dawn is-snin kollha u matul il-bqija ta' ħajtu.

Qal li r-rifjut tal-Kummissarju huwa bbażat fuq sentenza allegatament mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2009. Qal ukoll li l-appellat kellu jressaq l-aħjar prova biex juri dan, iżda din il-prova hija għal kollox mankanti, u qal li l-ġurisprudenza tispjega ċar kif trid issir il-prova tar-reċidiva. Qal li f'dan il-każ ġiet ippreżentata mill-Ispettur Sarah Magri kopja informali tas-sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu, meta l-istess Spettur ma jirriżultax li kienet l-uffiċjal prosekutur fil-każ. Qal li l-appellat lanqas ma rnexxielu jipprova jekk effettivament kienx sar appell minn dik is-sentenza, billi per eżempju ħarrek lir-Reġistratur tal-Qrati. L-appellant qal li lanqas ma nġabet prova tal-identità li huwa l-istess persuna indikata fl-imsemmija sentenza, u kull ma ġie ppreżentat kienet kopja tal-*conviction sheet* li ġiet esebita flimkien ma' risposta informali u li ħadd ma xehed dwarha. L-appellant qal li biex din il-prova tkun valida, din kellha tiġi kkonfermata u ppreżentata bħal kull prova oħra. Qal ukoll li lanqas li kieku nġabet tali prova, din ma tissostitwixxix in-neċessità tal-prova tas-sentenza allegatament mogħtija fil-konfront tiegħu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. L-appellat qal li m'hemmx lok għall-varjazzjoni jew għat-tħassir tas-sentenza appellata, u beda billi qal li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, għajr fejn jiġi ppruvat manifestement li ser tiġi kkreata inġustizzja. Qal li bl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jisħaq li d-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat ma kinitx waħda raġonevoli. Spjega li bħala punt ta' tluq, l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-

Pulizija, iżda jimponi fuqu obbligu li jirrifjuta l-ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'differenza milli kieku r-rifjut ingħata taħt l-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 fejn allura l-Kummissarju għandu diskrezzjoni.

13. L-appellat qal li l-leġislatur ried li persuni li jkunu nstabu ħatja ta' delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont, m'għandhomx jitħallew jagħmlu xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol. Qal li huwa aġixxa fil-limiti tar-raġonevolezza legali, u mhux biss mexa skont l-obbligi li timponilu l-liġi, iżda saħansitra kellu dmir li jagħmel dan sabiex jaġixxi fl-interess ġenerali. L-appellat qal li d-deċiżjoni tiegħu tant kienet waħda raġonevoli, li mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta li dan ma tgħallimx mill-iżbalji tiegħu, u nstab ħati ta' reati oħrajn. Qal ukoll li l-appellant ma ġab l-ebda prova li b'xi mod huwa kien irriforma ruħhu, u mill-provi jirriżulta li wara l-2009 huwa wettaq reati oħra. L-appellat qal li d-deċiżjoni tiegħu ttieħdet skont dak li jipprovdi l-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ma tistax titqies li hija *ultra vires,* u għalhekk għandu jsegwi li l-appell tal-appellant huwa wieħed frivolu, u għandu jiġi miċħud.

14. L-appellat qal li bit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jisħaq li fil-każ odjern kien hemm nuqqas ta' prova jew aħjar li l-Kummissarju appellat ma ġabx l-aħjar prova. Qal li minkejja li l-appellant jikkwota minn diversi sentenzi, dawn m'għandhomx applikazzjoni fil-każ odjern, għaliex d-deċiżjonijiet iċċitati huma tal-qrati kriminali, filwaqt li s-sentenza odjerna hija waħda ta' natura amministrattiva. L-appellat qal li għalhekk il-prova rikjesta hija waħda fuq bilanċ ta' probabbilità. Qal li l-appellant naqas għal kollox li jressaq xi tip ta' prova li

huwa rnexxielu jirriforma ruħhu, jew li s-sentenzi li abbażi tagħhom il-Kummissarju tal-Pulizija ħa d-deċiżjoni tiegħu ma jeżistux, kif donnu qiegħed jixħet dubju issa. L-appellat qal ukoll li huwa ppreżenta kopja tal-fedina penali tal-appellant bir-reati kollha mwettqa minnu, kif ikkonfermat mill-appellant stess fix-xhieda tiegħu. L-appellat qal ukoll li minkejja li l-appellant qal li jrid jagħmel xogħol *part-time,* fil-verità huwa wera nuqqas ta' interess f'dan għaliex lanqas biss indenja ruħhu japplika għal impjieg ieħor, u għalhekk l-appellant naqas milli juri li huwa verament għandu bżonn impjieg ieħor.

15. L-appellat qal li l-artikoli 559 u 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jesiġu li l-appellant għandu fil-każijiet kollha jġib l-aħjar prova li jista' jġib, u li l-obbligu tal-prova jmiss dejjem lil min jallega. Qal li għalhekk fil-każ odjern kien l-appellant li kellu jipprova li lilu kellha tinħariġlu l-liċenzja li applika għaliha, jew prova li l-liċenzja ma nħarġitx skont il-liġi, jew inkella prova li huwa persuna idonea biex jingħata liċenzja bħal din. L-appellat qal li meta ġie biex jiddeċiedi jekk l-appellant għandux jingħata l-liċenzja li applika għaliha, huwa ma ħarisx lejn l-akkużi li għandu pendenti l-appellant għaliex kull akkużat huwa preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati, iżda ra l-fedina penali tal-applikant sabiex jistabbilixxi x'kienu r-reati u jekk is-sentenzi kinux finali.

16. L-appellat qal li t-Tribunal ma kellu l-ebda kompetenza jordnalu joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat, għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet, u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17 . Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressaqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tar-risposta magħmula mill-appellat.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal kellu jagħmel stħarriġ ġudizzjarju dwar x'inhu raġonevoli]*

18. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal naqas milli jagħmel stħarriġ ġudizzjarju dwar il-kunċett ta' x'inhu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, u dan għaliex fil-fehma tiegħu huwa ma kellux jibqa' jġorr il-konsegwenzi għal reat kommess għoxrin sena qabel applika għal-liċenzja ta' gwardjan privat. Qal li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward ma kinitx raġonevoli għaliex huwa qiegħed jinżamm milli jingħata liċenzja ta' gwardjan privat minħabba f'reat li kien ikkommetta meta huwa kien ferm iżgħar fl-età, u minkejja li wara dan ir-reat huwa qatt ma nstab ħati ta' xi reat ieħor.

19. Il-Qorti tibda billi tirrileva li mill-provi jirriżulta li mhuwiex minnu dak li stqarr l-appellant li wara r-reat li kien instab ħati tiegħu bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) tas-6 ta' Lulju, 2009, l-appellant ma wettaq l-ebda reat ieħor, għaliex mill-kopja tal-fedina penali tal-appellant esebita fil-proċess, jirriżulta li dan kien mixli b'reati oħra, fosthom dak ta' evażjoni fiskali, kif ukoll li ħebb għal kuntistabbli tal-Pulizija. Għall-fini tal-evalwazzjoni li kellha ssir rigward l-għoti tal-liċenzja li applika għaliha l-appellant iżda, il-Kummissarju tal-Pulizija kkonsidra biss ir-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, liema reat jaqa' taħt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta,

u jimponi fuq l-intimat Kummissarju tal-Pulizija l-obbligu li jirrifjuta applikazzjoni għall-imsemmija liċenzja. It-Tribunal iddeċieda li ladarba ġie stabbilit li l-appellant kien instab ħati ta' reat li jaqa' taħt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma kellu għalfejn juża l-ebda diskrezzjoni, għaliex ladarba ġie stabbilit li l-appellant kien wettaq reat li jaqa' taħt dan l-artikolu tal-liġi, it-talba tiegħu għall-għoti ta' liċenzja ta' gwardjan privat kellha tiġi miċħuda. It-Tribunal kien korrett meta qies li l-gwardjani privati jaqdu funzjoni li tgħin biex fil-pajjiż tinżamm l-ordni, u għalhekk irrispettivament minn kemm jgħaddi żmien mir-reat kommess, ladarba r-reat jaqa' taħt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, la t-Tribunal u lanqas il-Kummissarju tal-Pulizija m'għandhom diskrezzjoni dwar kif għandhom jipproċessaw applikazzjoni bħal din. Lil hinn mill-fehma tal-appellant li kien għadda ħafna żmien bejn id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li permezz tagħha huwa nstab ħati u ngħata sentenza sospiża, u meta l-appellant applika għall-imsemmija liċenzja, ladarba r-reat kommess kien jaqa' taħt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, dan ifisser l-iskwalifika awtomatika tal-persuna mill-għoti ta' tali liċenzja. Il-Qorti tqis li huwa raġonevoli u mistenni, li persuna li tinstab ħatja ta' reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, ma tingħatax liċenzja biex taħdem bħala gwardjan privat, meta wieħed jikkunsidra l-livell għoli ta' responsabbilità li persuni li jikkwalifikaw għal din il-liċenzja jridu jġorru fil-qadi ta' dmirijiethom. Għaldaqstant il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tat-Tribunal li ladarba r-reat li tiegħu nstab ħati l-appellant jaqa' taħt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, kien raġonevoli u mistenni li l-liċenzja li applika għaliha tiġi rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-aħjar prova]*

20. L-appellant jikkontendi li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma ma ġabx l-aħjar prova tar-reat allegatament kommess minnu, u saħansitra sostna li l-identità tal-persuna li isimha jidher fuq il-kopja informali tas-sentenza esebita, ma ġietx stabbilita. Qal ukoll li l-Ispettur Sarah Magri li esebiet din il-kopja informali tas-sentenza, ma kinitx l-uffiċjal prosekutur fil-kawża fejn huwa ġie mixli b'reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, u minkejja li ġiet esebita kopja tal-*conviction sheet* tiegħu, ma deher ħadd biex jixhed dwarha.

21. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li kien l-appellant stess li bbaża l-appell tiegħu fuq il-fatt li kwalsiasi reat kommess minnu, u għalhekk kien hemm ammissjoni min-naħa tal-appellant, seħħ ħafna snin qabel ma huwa applika għal-liċenzja ta' gwardjan privat. Fil-fatt f'waħda mis-seduti li saru quddiem it-Tribunal, l-appellant spjega kif seħħ ir-reat ta' serq, għalkemm qal li ma jiftakarx jekk sussegwentement kienx involut f'reati oħra. Il-Qorti tqis li hawnhekk għandu raġun l-appellat Kummissarju tal-Pulizija fejn jgħid li kien l-appellant li kellu jġib il-provi meħtieġa li huwa kien jissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex jingħata l-liċenzja li applika għaliha, kif ukoll prova, jekk teżisti, li huwa persuna riformata u denja tal-fiduċja li qiegħed jitlob li jingħata bil-liċenzja li applika għalija. Il-Qorti tirrileva li l-grad tal-prova quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa dak tal-bilanċ tal-probabbiltajiet, u mill-provi esebiti fil-proċess, din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-appellant tassew kien ingħata sentenza sospiża għar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, hekk kif jirriżulta mill-kopja, anki jekk informali, tas-sentenza esebita. Il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni l-appellant stenna proprju sa dan l-istadju tal-proċeduri sabiex iqanqal dubju

dwar jekk huwiex l-istess persuna msemmija fil-kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) esebita fil-proċess, meta l-fatti spjegati fis-sentenza esebita jaqblu perfettament mal-mod kif l-appellant iddeskriva li seħħet is-serqa waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal.[1]

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] *A fol.* 30 tal-proċess.